# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Gimgha 28 ta' Gunju 2019,

**Rikors Numru : 316/2018JPG**

**Kawza Numru : 27**

**HL**

**vs**

**JS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' HL, datata 5 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta' Settembru, 2005 fir-Registru Pubbliku ta' Malta. [Dok. A].*

2. *Illi l-kontendenti qatt ma ghexu flimkien u dan iz-zwieg ma gie kkunsmat u kwindi huma ilhom jghixu separati proprju minn Settembru, 2005.*

3. *Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati de facto, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

4. *Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendent dwar manteniment.*

5. *Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u.jew hall taz-zwieg bejniethom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:*

1. *Tiddikjara d-divorzju u.jew hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Settembru, 2005 fir-Registru Pubbliku ta' Malta; u*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' JS, datata 30 ta' Jannar 2019, a fol 11 li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari u ghall-finijiet ta' korrettezza procedurali, l-esponenti jecepixxi illi r-rikors promotur ma jissodisfax l-kriterji tal-Artikolu 66G(2)(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghaldaqstant il-kontroparti ghandha tirregola ruhha f'dan ir-rigward;*

2. *Illi fil-mertu, l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet de quo izzewgu fid-19 ta' Settembru 2005, u jikkonferma dak kollu elenkat fir-Rikors Guramentat tal-attrici u ghaldaqsatant il-partijiet jissodisfaw il-kriterji elenkati fl-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-esponenti jiddikjara illi ai fini ta' likwidazzjoni tal-komunjoni, kull parti tinsab fil-pussess tal-beni parafernali taghha u li ma hemmx assi fl-imsemmija komunjoni;*

4. *illi ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet attrici hekk kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' din l-procedura.*

Rat in-nota ta' Dr.Frank Cassar (I.D. 741351M), datata 25 ta' Frar 2019, a fol 13, li taqra hekk:

*Li permezz taghha, ai termini tal-Artikolu 66G(2)(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'*

*Malta, u dana peress li l-mizewgin m'humiex separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, qed jikkonferma illi huwa fil-vesti tieghu ta' Avukat tal-attrici, osserva l-htiegijiet tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 66(G) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**JS** xehed a fol 19 *et seqq* illi huwa kien iltaqa' mar-rikorrenti, li hija Marokkina, fuq l-*internet* u xi zmien wara kienet giet Malta u kienu izzewgu. Xehed illi xi xahrejn wara li zzewgu hija kienet qaltlu illi ma rieditx ikollha relazzjoni intimi mieghu sakemm hu ma jikkonvertix ghar-religjon Musulman. Qal illi peress li hu ma riedx ibiddel ir-religjon tieghu, iz-zwieg bejn il-partijiet kien sfaxxa, u ilhom minn dak iz-zmien jghixu hajja kompletament separata.

**HL** xehdet a fol 22 *et seqq* illi xi xahrejn wara li l-partijiet kienu zzewgu, hija kienet talbet lill-intimat sabiex jikkonverti ghar-religjon Musulman, sabiex ikunu tal-istess twemmin. Xehdet illi l-partijiet qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi, u kkonfermat illi hija temmen illi jekk mara Musulmana ikollha tali relazzjoni ma' ragel li m'huwiex Musulman, hija tigi "mniggsa". Ikkonfermat illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata sa mis-sena 2005.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-partijiet izzewgu f'Malta fid-19 ta' Settembru 2005. Mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi l-partijiet qatt m'ghexu flimkien, u dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat.

Il-Qorti rat ukoll  illi ghalkemm ilhom zmien twil isseparati de facto, ferm aktar mill-erba' snin stipulati mill-ligi bhala kondizzjoni ghall-ottjeniment tad-divorzju, il-partijiet qatt m'ottjenew is-separazzjoni legali, u li ghalhekk huma gew awtorizzati sabiex jintavolaw dawn il-proceduri ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-19 ta' Novembru 2018.

Il-Qorti rat illi l-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhomx assi in komuni appartenenti lil komunjoni tal-akkwisti, u li kull wiehed minnhom jinsab fil-pussess tal-beni parafernali u dotali tieghu.

Minn qari tar-rikors guramentat tar-rikorrenti jirrizulta illi dawn il-proceduri ma gewx inizjati bi qbil bejn il-partijiet, u illi r-rikorrenti m'ghamlet l-ebda talba sabiex il-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet tigi tterminata u likwidata. F'dawn ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Pisani vs Maria Rita Pisani** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2018, fejn intqal illi:

> "*Jinghad ukoll illi mid-dicitura stess tas-subartikolu [5] tal-Artikolu 66D huwa evidenti li, f'dan il-kaz fejn il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma jirrizultax li giet terminata, la b'sentenza li ordnat il-waqfien tal-komunjoni u lanqas permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, din il-Qorti tqis illi* ***l-pozizzjoni legali hija inekwivoka fis-sens illi l-partijiet ma jistghux jghaddu ghad-divorzju minghajr ma jitterminaw u jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom***."

Illi pero, din is-sentenza tkompli hekk:

> "***Kieku l-konvenuta fil-kors tal-proceduri wriet l-aderenza taghha fir-rigward, allura din il-Qorti taqbel li l-procedura maghzula mill-atturi bir-rikors tieghu kif imfassal, kienet tkun sanata u ma kienx ikun hemm dan ix-xkiel ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg fic-cirkostanzi.***

Fir-risposta tieghu l-intimat, *inter alia*, qal hekk:

> "***Illi l-esponenti jiddikjara illi ai fini ta' likwidazzjoni tal-komunjoni, kull parti tinsab fil-pussess tal-beni parafernali taghha u li ma hemmx assi fl-imsemmija komunjoni.***
>
> ***Illi ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet attrici hekk kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura.***"

Il-Qorti hija tal-fehma illi din ir-risposta minn naha tal-intimat tissana r-rikors tar-rikorrenti, u dan peress illi minn din ir-risposta l-Qorti tipprezumi illi l-intimat jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata minghajr ma tigi likwidata, partikolarment ghaliex, l-intimat stess iddikjara illi l-partijiet m'ghandhomx assi in komuni.

Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata sa minn ftit xhur wara z-zwieg taghhom f'Settembru 2005, u illi ma jidhirx illi hemm tama ta' rikonciljazzjoni.

Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk illi r-rikorrenti rrnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi r-rekwiziti kollha necessarji sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet hija terminate, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**